## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**
**v**

## GIUSEPPE BUHAGIAR

**Illum, 21 ta' Jannar, 2002.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GIUSEPPE BUHAGIAR** ta' tlieta w hamsin sena bin Santo u Carmela nee Galea, imwieled Mosta nhar d-disgha ta' Dicembru, 1947 u joqghod 30, Triq Sant'Anna, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 18448M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tnax ta' Mejju, 2001 ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl fil-Bidnija kkaguna griehi ta'nautra hafifa fuq il-persuna ta' Carmen Galea skond ma ccertifika Doctor Dennis Mallia MD fl-isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ta' Carmen Galea, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta ta' Carmen Galea, flimkien mal-piena jew minflok l-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn u ghoxrin ta' Novembru, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja esibit fl-atti bhala dokument JB 1.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza ta’ hsara volontarja kif ammess minnu.

Semghet lil Carmen Galea tiddikjara li qed tirrinunzja ghall-azzjonji kriminali fil-konfront tal-ewwel akkuza u cioe` tal-griehi ta’

natura hafifa u ghaldaqstant fuq tali rinunzja il-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel akkuza.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 221 tal-Kap 9 u artiklu 325(b) u 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara illi f'dawn ic-cirkostanzi wara li rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda nadifa u minghajr ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha.

Rat li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant fic-cirkostanzi thoss illi l-applikazzjoni tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta hija applikabli.

**Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lil imputat GIUSEPPE BUHAGIAR bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sitt xhur taht l-artiklu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta u bil-kundizzjoni li huwa jhallas is-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm 224.00) f'perjodu ta' sitt xhur mill-llum lil Carmen Galea.**

**In oltre ai termini tal-artiklu 383(1) qed torbot lil imputat ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira (Lm 100.00) fin-nuqqas li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil Carmen Galea u lil familjari taghha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**